

2) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda, l-Artikolu 30(5) u (6) tad-Direttiva 2001/14/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li jagħti lill-impriża ferrovjarja, li tuża jew li għandha l-intenzjoni tuża infrastruttura ferrovjarja, id-dritt li tappella mid-deċiżjoni tal-korp regolatorju li tapprova l-ammont ta' ħlas għall-aċċess għall-infrastruttura ferrovjarja stabbilit mill-amministratur ta' din l-infrastruttura?

(<sup>1</sup>) ĴU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolo 7, Vol. 5, p. 404.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Östre Landsret (id-Danimarka) fid-9 ta' Novembru 2020 – Ligebehandlinsnævnet bħala rappreżentant ta' A vs HK/Danmark u HK/Privat**

**(Kawża C-587/20)**

(2021/C 44/30)

*Lingwa tal-kawża: id-Daniż*

**Qorti tar-rinviju**

Östre Landsret

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Ligebehandlinsnævnet bħala rappreżentant ta' A

Konvenuti: HK/Danmark u HK/Privat

Intervenjent insostenn tal-kovenuti: Fagbevægelsens Hovedorganisation (FH)

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impieg u fix-xogħol (<sup>1</sup>) għandu jiġi interpretat fis-sens li persuna eletta għall-presidenza ta' federazzjoni ta' organizzazzjoni tal-ħaddiema u membru tal-persunal politiku tagħha taqqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva fiċ-ċirkustanzi deskritti [fit-talba għal deċiżjoni preliminari]?

(<sup>1</sup>) ĴU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolo 5, Vol. 4, p. 79.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesarbeitsgericht (il-Ġermanja) fis-16 ta' Novembru 2020 – ROI Land Investments Ltd. vs FD**

**(Kawża C-604/20)**

(2021/C 44/31)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesarbeitsgericht

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: ROI Land Investments Ltd.

Konvenut: FD